MALTA

# TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TA' INGUSTIZZJI

## MAGISTRAT DR. MICHAEL MALLIA

Seduta tat-18 ta' Mejju, 2005

Rikors Numru. 1159/1997/1

Richard Farrugia
vs
Malta International Airport plc u Segretarju Amministrattiv u b’digriet tat-23 ta’ Frar 2000 gie korrett ghas-Segretarju Amministrattiv u l-pozizzjoni tieghu illum Segretarju Permanenti fl-Ufficcju tal-Prim Ministru

It-Tribunal

**RIKORS:**
Ra r-rikors pprezentat fl-1 ta’ Dicembru 1997 fejn wara li r-rikorrent ppremetta illi bejn id-9 ta’ Mejju 1987 u l-15 ta’ Mejju 1995, u b’mod aktar preciz fil-perjodu bejn Marzu u Settembru ta l-1992 b’konsegwenzi li pperduraw sa Mejju ta’ l-1995 ir-rikorrent sofra ngustizzja billi minghajr ebda raguni valida gie effettivament impedut milli jahdem bhala “Executive” fis-socjeta’ intimata.

Illi l-fatti tal-kaz kienu fil-qosor is-segwenti:

Ir-rikorrent kien mahtur Executive responsabbli ghall-Ambjent (Air terminal Executive responsible for the Environment) b'effett mill-1 ta' Jannar 1992 (Dok A).

Meta ir-rikorrent dahal ghax-xoghol fit-2 ta' Marzu 1992 wara perjodu ta' "leave" gie milqugh minn Mario Cuomo, Administration Manager tas-socjeta' intimata, bil-kliem "ghandi ordni minn zewg Ministri sabiex inti ma tahdimx aktar mal-kumpanija u gewwa t-Terminal". Ir-rikorrent talab spjegazzjoni pero' ma hadiex.

Ir-rikorrent kellem lil Ministru responsabbli li cahad li kien ta' ordni simili u xtaq li jkollu l-opportunita' li jinvestiga l-incident. Gimgha wara ir-rikorrent rega' ra lil Ministru li wiegbu hekk: "inti mhux kompatibbli mal-kumpanija'. Ir-rikorrent ried li jiltaqa mal-bord tad-Diretturi tas-socjeta' intimata. Il-Ministru wiegeb li dan ma kienx possibbli. Fl-10 ta' Marzu 1992, ir-rikorrent kiteb lic-Chairman tas-socjeta' intimata, pero' ma kellux twegiba (Dokument B).

Sadanittant, bejn Marzu u Settembru ta' l-1992 ir-rikorrent hadem fil-Ministeru ta' l-Edukazzjoni u Rizorsi Umani bi ftehim bejn il-Ministru responsabbli l-Avukat Francis Zammit Dimech u s-Segretarju Parlamentari l-Avukat Joseph Cassar filwaqt illi l-paga tieghu baqghet tithallas mis-socjeta' intimata.

Ir-rikorrent hawnhekk jirrileva li fl-4 ta' Mejju 1988 huwa kien gie moghti "appointment" ta' natura temporanja bhala Assistant Air Terminal Manager fid-Dipartiment tal-Avjazzjoni Civili (Dokument C). Fiz-zmien in kwistjoni gie kreat id-Dipartiment ta' l-Air Terminal u ir-rikorrent kien trasferit bhal bqija ta' l-impjegati li kienu jahdmu fl-Air Terminal ma' dan id-Dipartiment li mbaghad gie xolt fil-31 ta' Dicembru 1991 sabiex it-tmexxija ta' l-Air Terminal tghaddi f'idejn is-socjeta' intimata fl-1 ta' Jannar 1992. Meta ir-rikorrent accetta l-kariga ta' "Executive" b'responsabbilita' ghall-ambjent kif jinghad hawn fuq fi hdan is-socjeta' intimata tali reklutagg kien regolat minn ftehim iffirmat bhala 'Memorandum of Understanting" bejn il-Gvern, is-socjeta' intimata u l-Unions fis-27 ta'

Novembru 1990 li jghid hekk (Klawsola 39(d) ta’ l-istess ftehim) riferibbilment ghar-ritorn fi hdan is-Servizz Civili ta’ l-impjegati ta’ l-ex Air Terminal Department sa sena wara t-twaqqif tas-socejta’ intimata:-

**“Government on its part shall accept such request and shall redeploy such employee on duties which are broadly at the same level and where possible similar to the employee’s position prior to taking up employment with Malta International Airport Ltd. In so doing Government will also ensure that there is no loss of any rights and seniority enjoyed by such employee with Government prior to joining Malta International Airport Ltd.”**

Dan qed jinghad ghaliex ir-rikorrent meta, gie pubblikata cirkolari mill-Ufficcju tal-Prim Ministru (OPM Circular 71/92 - Dokument D) ghall-mili ta’ postijiet battala ta’ Duty Management Officers fid-Dipartiment ta’ l-Avjazzjoni Civili, gharraf lis-Segretarju Amministrattiv li huwa kien dispost jirritorna lura fis-Servizz Civili u jmexxi l-ufficcju tad-Duty Management Officers li huwa kien imexxi sa l-ahhar ta’ l-1991. Ir-rikorrent irrikorra ghal din l-alternattiva minhabba t-trattament li kien issubixxa fi hdan is-socjeta’ intimata, kif fuq spjegat.

Ghalkemm pero’ ir-rikorrent kien qed jinsisti, fid-dawl tal-ftehim precitat bejn il-Gvern is-socjeta’ intimata u l-Unions illi jinghata lilu x-xoghol li kien halla fil-31 ta’ Dicembru 1991 huwa gie avzat f’Settembru 1992 illi kellu jirraporta ghax-xoghol bhala Duty Management Officer fl-1 ta’ Ottubru 1992, fid-Dipartiment ta’ l-Avjazzjoni Civili (Dokument E). Infatti ir-rikorrent ma ghamilx hekk. Bhala rizultat u billi ir-rikorrent kien gustifikat illi ma jmurx lura fis-Servizz Civili jahdem fi grad inferjuri ghal dak li kien jokkupa qabel gie reklutat mis-socjeta’ intimata, l-Ufficcju tal-Prim Ministru hareg l-ittra datata 22 ta’ Ottubru 1992 (Dokument F). B’danakollu s-socjeta’ intimata waqqfet il-paga ta’ ir-rikorrent li spicca kostrett jaccetta s-salarju offrut mill-Gvern.

Fl-1 ta’ Settembru 1995 ir-rikorrent irritorna ghax-xoghol tieghu mad-Dipartiment ta’ l-Avjazzjoni Civili bhala Management Duty Officer fl-ufficju geww l-“air terminal”. Ghaddew ghoxrin gurnata u ir-rikorrent rega gie mwarrab mit-terminal u spicca izolat f’parti ohra tad-Dipartiment ta’ l-Avjazzjoni Civili. Gie restitwit lilu x-xoghol tieghu gewwa t-terminal b’intervent ta’ l-Ombudsman u gie kkompensat ghat-telf finanzjarju li sofra.

Illi ir-rikorrent kien bi hsiebu jgib biex isostni l-ilment tieghu lix-xhieda murija fl-elenku li jindika ghar-rigward ta’ kull xhud dawk il-fatti li ir-rikorrent irid li jgib prova dwarhom.

Ghalhekk ir-rikorrent talab lil dan it-Tribunal li jisma’ u jiddeciedi dwar dan l-ilment skond l-Att ta’ l-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta’ Ingustizzji u jinghata rimedju billi jigi ordnat illi ir-rikorrent ghandu jitqies li rritjena u baqa jokkupa l-grad ta’ “Executive” fi hdan is-socjeta’ intimata u konsegwentement li l-istess rikorrent ghandu d-dritt li jmur jahdem f’dak il-grad mas-socjeta’ intimata oltre illi huwa ntitolat li jithallas minghand is-socjeta’ intimata t-telf kollu f’salarju u telf iehor li gie li sofra b’effett mid-data li joghgbu jistabbixxi t-Tribunal ghal dan l-iskop sal-lum, jew inkella jekk dan ir-rimedju ma jistax jinghata li jigi ordnat li ir-rikorrent jithallas kumpens xieraq f’ammont mhux eccedenti Lm5000.

Ra l-elenku tax-xhieda u dokumenti tar-rikorrent.

**ECCEZZJONIJIET:**

Ra r-risposta tas-Segretarju Permanenti fl-Ufficcju tal-Prim Ministru fejn wiegeb:

Illi hu mhuwiex il-legittimu kontradittur f’dan l-ilment stante li dan jikkoncerna l-impieg tar-rikorrent mal-Malta International Airport.

Illi, minghajr pregudizzju, jinghad illi r-rikorrent kien ressaq ilment quddiem il-Kummissjoni ghall-Investigazzjoni ta’ Ingustizzji fejn ilmenta li wara li kien inghata l-hatra, fuq bazi temporanja, ta’ Assistant Air Terminal Manager, baqa

ma nghatax din il-hatra fil-fiss. Il-Kummissjoni kienet iddeciediet illi l-ilment ma kienx gustifikat.

Ra l-elenku tax-xhieda ta' l-intimat.

Ra r-risposta tas-Socjeta Malta International Airport plc fejn wiegbet:

1. Illi s-socjeta' esponenti tichad li fit-2 ta' Marzu 1992 is-sur Mario Cuomo - dak iz-zmien kien **Administration Manager** taghha - laqa' lir-rikorrent Farrugia u qallu **"ghandi ordni minn zewg Ministri sabiex inti ma tahdimx aktar mal-Kumpanija u gewwa t-terminal"**.

2. Illi s-socjeta' esponenti mhix f'posizzjoni li tikkonferma jew li tichad dak li qed jallega r-rikorrent Farrugia li qallu Ministru u cioe' **"inti mhux kumpatibbli mal-kumpanija".**

3. Illi fis-27 ta' Novembru 1991 (u mhux fis-27 ta' Novembru 1990 kif intqal fir-rikors) il-Kumpanija esponenti, il-Gvern, il-**General Workers' Union** u l-Union Haddiema Maghqudin, iffirmaw **Memorandum of Understanding**, li fost affarijiet ohra kien jghid li "During this 12 month period (u cioe bejn l-1 ta' Jannar 1992 u 31 ta' Dicembru 1992) **such employees** (cioe' l-ex impjegati ta' l-Air Terminal Department li gew offruti mpieg mal-Malta International Airport) "**shall be considered as full time employees by Malta International Airport Ltd and in the event that any such empoyee opt to return to Government service within this period, the employee shall notify Malta International Airpot Limited and Government in writing of his intention to do so at least one month prior to returning to Government service" - vide Dokument "A" anness**.

4. Illi b'ittra li ggib id-data ta' l-1 ta' Settembru 1992, ir-rikorrent Richard Farrugia - skond il-provedimenti tal-Memorandum of Understanding li saret riferenza ghalih f'paragrafu 3 aktar il-fuq talab lill-kumpanija esponenti biex din ta' l-ahhar tibda l-passi necessarji sabiex ir-rikorrent ikun jista jirritorna lura fi hdan is-Servizz Civili u jhalli l-

impieg tieghu mal-Malta International Airpot Co. Ltd. - vide Dokument “B” anness.

5. Illi skond it-termini tal-**Memorandum of Understanding** fuq imsemmi, s-socjeta’ esponenti rcieviet ittra bid-data tal-25 ta’ Settembru 1992 mill-**Management & Personnel Office** ta’ l-Ufficcju tal-Prim Ministru fejn giet infurmata li “**arrangements have been made for the above-named employee to be transferred as Management Duty Officer in the Department of Civil Aviation with immediate effect”** - Dok C anness - u b’dan il-kumpanija esponenti nfurmat lir-rikorrent Farrugia bil-miktub fid-29 ta’ Settembru 1992 - Dok D anness.

6. Illi ghalhekk bl-imsemmija ittra tal-25 ta’ Settembru 1992, it-talba tar-rikorrent Farrugia sabiex jirritorna fi hdan is-Servizz Civili giet milqugha u accettata.

7. Illi fit-30 ta’ Settembru l-kumpanija esponenti rciviet ittra minghand ir-rikorrent li jirrefera ghall-ittra tal-kumpanija esponenti tad-29 ta’ Settembru 1992 (paragrafu 5 aktar il fuq) u talab lill-kumpanija esponenti **“to suspend my termination of employment with the Company until further clarification is conducted with the Management & Personnel Office of the Prime Minister”**. Dokument E anness - li l-kumpanija esponenti baghtet kopja ta’ din l-ittra lill-Ufficcju tal-Prim Ministru - vide Dok F anness. B’din l-ittra tar-rikorrent tat-30 ta’ Settembru 1992, ir-rikorrent kien qed jipprova jmur lura minn dak li kien diga gie stabilit u miftiehem fuq talba tieghu stess. Qed jigi sottomess li galadarba t-talba rikorrenti ghal transfer giet accettata da parti tar-rikorrent u tal-Ufficcju tal-Prim Ministru, ir-rikorrent ma setax jmur lura u jannulla dak illi legalment gie miftiehem konsenswalment. Infatti l-posizzjoni tas-socjeta’ esponenti kienet maghrfa lill-Ufficcju tal-Prim Ministru (vide Dok F) illi da parti taghhom irrispondew fit-22 ta’ Ottubru 1992.

8. Illi fis-26 ta’ Ottubru 1992 il-kumpanija esponenti rrispondiet lill-Ufficcju tal-Prim Ministru ghall-ittra taghhom

tat-22 ta' Ottubru 1992 (vide kopja ta' ittra relatata hawn annessa u markata dokument G) u l-kaz waqaf hemm. Il-kumpanija esponenti ma baqatx thallas salarju lir-rikorrent wara t-30 ta' Settembru 1992:

9. Illi allura l-posizzjoni esponenti hija dik kontenuta fl-ittra taghha tas-26 t'Ottubru 1992 (Dok G) liema posizzjoni hija wahda konformi mal-ligi u ma dak miftiehem bejn il-partijiet.

10. Illi c-cirkolari kkwotat fir-rikors odjern (OPM Circular 71/92) ma tidhol xejn fl-arrangamenti li saru bejn il-Gvern, il-kumpanija esponenti u l-Union skond il-Memorandum of Understanding tas-27 ta' Novembru 1991.

11. Illi r-riferenza li qed jaghmel ir-rikorrent Farrugia li fl-1 ta' Settembru 1995 hu mar lura **"ghax-xoghol tieghu mad-Dipartiment ta' l-Avjazzjoni Civili bhala Management Duty Officer fl-ufficcju gewwa l-Air Terminal"** u wara ghoxrin gurnata **"rega gie mwarrab mit-terminal u spicca izolat f'parti ohra tad-Dipartiment ta' l-Avjazzjoni Civili"** ma tikkoncernax lill-kumpanija esponenti u apparti dan, skond artikolu 5(4) ta' l-Att Numru VIII ta' l-1997 "dan l-Att ma ghandu japplika ghal ebda att jew ommissjoni li jkunu graw qabel id-9 ta' Mejju 1987 u wara l-15 ta' Mejju 1995.

12. Ghaldaqstant ghal dawn ir-ragunijiet u ghal ragunijiet ohra li jistghu jirrizultaw waqt is-smiegh ta' dawn il-proceduri, qed jigi sottomess li t-talba rikorrenti hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda bl-ispejjez.

Ra l-elenku tax-xhieda u dokumenti tas-socjeta intimata.

Sema' lix-xhieda bil-gurament.

Ra l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Ikkunsidra

F’din il-kawza r-rikorrent qieghed jitlob illi jibqa’ kunsidrat fil-grad ta’ ‘Executive’ fi hdan is-Socjeta intimata, jahdem f’dak il-grad u jigi moghti d-differenza fis-salarju jew kumpens.

Irrizulta mill-provi illi permezz ta’ ittra ta’ l-1 ta’ Jannar 1992 ir-rikorrent kien appuntat bhala ‘Executive’ responsabbli ghall-Ambjent mas-Socjeta intimata MIA. Wara perjodu ta’ leave dahal lura ghax-xoghol fit-2 ta’ Marzu 1992 izda gie mizmum milli jahdem minn Mario Cuomo. Bejn Marzu u Settembru 1992 hadem fil-Ministeru ta’ l-Edukazzjoni u Rizorsi Umani pero baqa’ jithallas mis-Socjeta intimata. Saret referenza ghal ‘Memorandum of Understanding’ li gie ffirmat bejn is-Socjeta` intimata, il-Gvern u l-unions principali fis-27 ta’ Novembru 1991 fejn l-impjegati li kienet ser tassumi s-Socjeta intimata gew moghtija d-dritt illi jirritornaw fis-servizz generali mac-Civil. Il-Gvern min-naha tieghu “shall accept such request and shall redeploy such employee on duties which are broadly at the same level and where possible similar to the employees position prior to taking up employment with Malta International Airport Limited. In so doing Government will also ensure that there is no loss of any rights and seniority enjoyed by such employee with Government prior to joining Malta International Airport Limited.” (fol 23) (Art. 39 (d))

L-impjegati gew moghtija terminu ta’ sena biex jiddeciedu jibqawx ma l-MIA jew inkella jirritornaw ghas-servizz civili. Ir-rikorrent ghazel li jmur lura mas-servizz civili u fl-1 ta’ Settembru 1992 kiteb lis-Socjeta intimata u lil Gvern fejn talab illi jmur lura mas-servizz civili taht il-kundizzjonijiet ta’ l-Artikolu 39 (d) msemmi (fol 25). F’din l-ittra r-rikorrent jghid “nikkondizzjona din ir-rizenja illi nitlob illi nigi moghti lura xoghli kif kien fl-ahhar tas-sena 1991 meta kont ghadni mpjegat mac-Civil.”

It-Tribunal jidhirlu illi r-rikorrent ma kellu l-ebda dritt jaghmel din il-kundizzjoni bhala rabta lis-socjeta intimata. Jekk huwa talab illi jmur lura mas-servizz civili u dan is-servizz ma jonorax il-kundizzjonijiet ta’ l-Artikolu 39 (d) fuq imsemmi, allura r-rikorrent kellu jagixxi fil-konfront tal-

Gvern u mhux tal-konfront tas-socjeta intimata, ghalhekk dik il-kundizzjoni ma kellhiex torbot is-socjeta intimata.

Permezz ta' ittra tal-25 ta' Settembru 1992 a fol 26 l-OPM informa lis-socjeta intimata illi r-rikorrent gie trasferit bhala Management Duty Officer mad-Dipartiment tal-Avjazzjoni Civili. Ghalhekk permezz ta' ittra tad-29 ta' Settembru 1992 fol 27 is-socjeta intimata informat lir-rikorrent sabiex jirraporta d-Dipartiment tal-Avjazzjoni Civili b'effett mill-1 ta' Ottubru 1992. Skond Alfred Mangion li ta x-xhieda tieghu fis-17 ta' Frar 2005 minn dakinhar ir-rikorrent ma kellux jitqies aktar bhala impjegat tas-socjeta intimata u gew moghtija istruzzjonijiet lil Finanzi biex iwaqqfulu l-paga.

Ir-rikorrent pero kellu kambjament ta' hsieb u fit-30 ta' Settembru 1992 (fol 28) kiteb lis-socjeta intimata u talabha li tissospendi t-terminazzjoni ta' l-impjieg, peress illi ma kienx kuntent bil-pozizzjoni offruta mas-servizz civili dik ta' "Management Duty Officer" mad-Dipartiment tal-Avjazzjoni Civili u allega li kienet ferm inferjuri mill-pozizzjoni illi kellu qabel u ma kinitx tirrispetta l-Artiklu 39 (d) tal-"Memorandum of Understanding" fuq imsemmi. Ghalhekk ir-rikorrent iddecieda illi "I shall not report for duty with the Director of Civil Aviation until an agreement is reached as the present proposal is not to my sarisfaction."

Bir-ragun is-socjeta intimata inhassdet b'din l-ittra u fl-istess gurnata kitbet lil OPM (fol 29) u infurmat l-Ufficcju illi kienet se taderixxi ghal istruzzjonijiet originali illi r-rikorrent kellu jkun impjegat mas-Servizz Civili u "as at 1st October 1992 Richard Farrugia will not be considered an employee of MIA." Fit-22 ta' Ottubru 1992 l-OPM rega kiteb lil MIA (fol 13 u 118) fejn qaltilha illi "… Mr Farrugia is still an employee of your organasation and if in future he changes his mind again and decides to return to Government service, he will have to submit a fresh application." Hawnhekk l-MIA hasset illi ma kelliex obbligu illi toqghod ghal dawn l-istruzzjonijiet la darba kienet diga kkunsidrat lir-rikorrent bhala impjegat tas-servizz civili illi maghha s-socjeta intimata ma kellha l-

ebda konnessjoni. Ghalhekk fis-26 ta' Ottubru 1992 l-MIA kitbet lil OPM (fol 30) u b'risposta ghal ittra tat-22 ta' Ottubru 1992 infurmat lil OPM li ma kienx possibli "… for Richard Farrugia to return to this company since this will create an unwanted and unecessary precident for other individuals who have, likewise opted to return back to Government service over the past months."

L-istorja spiccat hemmhekk u r-rikorrent spicca bla paga kemm min-naha tal-MIA kif ukoll min-naha tal-Gvern ghad illi jidher illi sab xi soluzzjoni meta beda jahdem mal-Ministeru ta' l-Edukazzjoni u Rizorsi Umani.

Ikkunsidra

Illi t-Tribunal jidhirlu illi din is-sitwazzjoni, sfortunata kemm hi sfortunata hija precipitata bl-agir tar-rikorrent. Kif diga inghad ir-rikorrent ma kellu l-ebda dritt jorbot lis-socjeta intimata b'xi kundizzjoni li maghha ma kinitx obbligata tintrabat. L-ewwel ittra li kiteb ghat-trasferiment lejn is-servizz generali fl-1 ta' Settembru 1992 ma kinitx torbot lis-socjeta intimata u jekk ir-rikorrent dehrlu illi l-Gvern ma onorax il-kundizzjonijiet ta' l-Artiklu 39 (d) tal-"Memorandum of Understanding" allura huwa kellu rikors kontra l-Gvern u mhux kontra l-MIA li min-naha taghha qdiet il-funzjonijiet u l-obbligazzjonijiet skond l-artikolu fuq imsemmi u ma tistax tigi censurata ghal xi nuqqas. Wara li l-Ufficcju tal-Prim Ministru informa lil MIA illi r-rikorrent kellu jkun trasferit fid-Dipartiment tal-Avjazzjoni Civili allura bir-ragun, l-MIA dehrilha illi kellha tnehhi lir-rikorrent mill-kotba taghha u qisitu bhala mhux impjegat aktar maghha. It-tluq mill-MIA kienet decizjoni ezercitata mir-rikorrent bil-libera volonta tieghu tramite l-"Memorandum of Understanding". La darba r-rikorrent ghazel li jezercita dan id-dritt allura kellu jerfa' r-responsabbilitajiet u l-konsegwenzi tad-decizjoni tieghu, liema decizjoni poggietu f'relazzjoni diretta mal-Gvern centrali u mhux aktar mas-socjeta intimata. La l-Gvern centrali ma onorax il-"Memorandum of Understanding" allura r-rikorrent ma kellu l-ebda dritt jerga jibdielu u jitlob li jmur lura mal-MIA.

Min imkien ma jirrizulta illi s-socjeta intimata kienet obbligata tiehu lura r-rikorrent. L-ittra ta' l-OPM tat-22 ta' Ottubru 1992 (fol 13) ma kelliex torbot lis-socjeta intimata u kontrarjament ghal dak indikat, ir-rikorrent ma kienx impjegat mas-socjeta intimata. F'dak l-istadju, s-socjeta intimata kienet libera taccetta jew le it-talba ta' l-impjieg tar-rikorrent. F'dawk ic-cirkostanzi dehrilha li ghar-ragunijiet taghha ma taccettax lura lir-rikorrent. Hija mmaterjali f'dan l-istadju li r-ragunijiet il-ghala s-socjeta intimata ghazlet li ma taccettax lir-rikorrent. Hi kienet libera li tiehu dik id-decizjoni minghajr xkiel ta' xejn, peress illi skond il-"Memorandum of Understanding" ma kinitx obbligata illi tiehu lura mpjegati illi rega bdielhom wara illi allegatament gew trattati hazin mis-servizz generali. Is-socjeta intimata kienet obbligata biss illi tirrispetta d-decizjoni ta' impjegat illi jmur lura fis-servizz generali. Il-kundizzjonijiet imsemmija fl-artiklu 39 (d) tal-"Memorandum of Understanding" jorbtu biss il-Gvern centrali u mhux lis-socjeta intimata. Huwa kontra dan ta' l-ahhar illi missu talab rigress mhux kontra s-socjeta intimata.

Ir-rikorrent jista' jargumenta illi l-Gvern tramite s-Segretarju Amministrattiv qieghed fil-kawza pero t-talba ghas-sodisfazzjon, li maghha t-Tribunal hu marbut, qeda kontra s-socjeta intimata MIA u mhux kontra l-Gvern fejn ir-rikorrent talab li kellu jitqies illi rritjena u baqa' jokkupa l-grad ta' Executive fi hdan is-socjeta intimata u fin-nuqqas jinghata kumpens. Dan it-Tribunal ma jistax jaghtihielu peress ghar-ragunijiet fuq imsemmija r-rikorrent ma baqax izomm dak il-grad ta' Executive fil-mument illi huwa baghat jitlob illi jigi trasferit fis-servizz generali.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi illi jichad it-talba tar-rikorrent. Spejjez bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------